# KUMITAT REGJONALI XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

## Minuti tal-Laqgha Nru. 44 / 2013

Il-Laqgha Nru 44/2013 tal-Ewwel Amministrazzjoni
saret Il-Hamis 24 ta' Ottubru 2013 fis-6.30pm
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kumitat Regjonali Xlokk
f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

Data u hin

Attendenza

**Prezenti ghal-laqgha :**

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, |
| Is-Sur Justin John Camilleri | Sindku Isla |
| Is-Sinj. Alison Zerafa | Sindku Bormla |
| Is-Sur Nigel Holland | Sindku Floriana |
| Is-Sur Carmel Bugeja | Sindku M'Xlokk |
| Is-Sur Francis Debono | Sindku Marsa |
| Is-Sur Joseph Abela | Sindku Hal Tarxien |
| Is-Sur Joe Attard | Sindku Zejtum |
| Is-Sinj. Speranza Kirkop | Sindku Kalkara |
| Is-Sur Paul J. Pace | Agent-Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**

Sindku Valletta
Sindku Birgu
Sindku Zabbar
Sindku Fgura
Sindku M'Xkala
Sindku Paola
Sindku Xghajra

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha li bdiet fis-6.30pm.

1.1 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 43/2013 mizmuma fil-24 ta' Ottubru 2013 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, ghalhekk il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija, u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mil-Agent Segretarju Eżekuttiv.

**2.1** **Korrispondenza**

L-Agent Segretaju Ezekuttiv qal li bhala korrispondenza kien hemm email minghand il-Kunsill tal-Birgu, rigward L-ECO Warden.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv qal li kien se jkellem lil-AO s-Sur John Bonavia sabiex jiehu hsieb jara li l-Kunsill tal-Birgu jkollu l-ECO Wardens.

3.1 **Affarijiet Finanzjarji** Lista ta' Pagamenti

L-Agent Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall approvazzjoni l-lista tal-Pagamenti li ghandhom jithalsu sal-24 ta' Ottubru 2013.

Ir-Regjun approva dawn il-pagamenti unimament u wara dawn gew iffirmati mil-President , L-Agent Segretarju Ezekuttiv u zewg Sindki.

4.1 **Tender AO** Tender AO

Il-President is-Sur Paul Farrugia qal li r-Regjun Xlokk kien ircieva tlett Tenders ghall dan is-Servizz.

Huwa qal li dawn kienu nfethu waqt il-laqgha l-ohra u kienu biss gew ic-cekjati jekk it-Tenders li kienu mitfuha kinux kollha skond kif kin mitlub.

Kien gie innotat li Tender numru 2 li kienet mifuha mis-Sur Jason Micallef kellha n-Non Colusive nieqsa u li kien issottomessa l-Original Copy Biss.

Iz-Zewg Kuntratturi kollha kellhom id-Dokumentazzjoni kollha mehtiega.

Ghaldaqstant ir-Regjun qabel unimament li Tender No. 2 tas-Sur Jason Micallef tigi skwolifikata.

Sar qbil li ghandu jinhatar Kumitat , li jkun kompost mill-President s-Sur Paul Farrugia, is-Sur Anthony Valvo –Sindku Xghajra, iS-Sinj. Alison Zerafa –Sindku Bormala u s-Sur Nigel Holland –Sindku Floriana, sabiex jagmlu rapport halli jirrakomandaw lir-Regjun Xlokk min ghandu jinghata dan it-Tender.

5.1.1 **Expression of Interest – Re Fondi E.U.**

Expression Of Interest Re EU Funds

Il-President is-Sur Paul Farrugia qal li r-Regjun kien ircieva tlett Expression of Interest ghall-Fondi tal-E.U.

Dawn kienu :

No. 1 Heritage Enterprise Ltd –

No. 2 Arc Studio – Architecture & Restoration Consultants.

No. 3 The Doric Studio.

Il-President is-Sur Paul Farrugia tkellem fid-dettal ta' kif din l-Expression of Interest se tkun qed tahdem , u se jkun ir-rowl tad-Tenderer li se jikun qed jinghata din l-Expression of Interest.

Gie maqbul unimament li l-Agent Segretraju Ezekuttiv ghandu jara dawn l-Expression of Interest li dahlu u jaghmel rapport ta' rakkomandazzjoni lir-Regjun Xlokk, min ghandu jinghata dan l-Expression of Interest, fejn wara fil-Laqgha tar-Regjun Xlokk li jmiss
Ir-Regjun Xlokk jiddecidu lil min se jinghata dan l-Expression of Interest.

**6.1** **<u>Hwejjeg ohra</u>**

Laqghat tal-AKL

Il-President s-Sur Paul Farrugia qal li Akl kienet qed tiltaqa’ mal-Ministri kollha sabiex jigi stabbiliet kif dawn jistghu jghinu lil-Kunsilli u lir-Regjuni.

Huwa kompla jitkellem fejn qal li bhalissa qed isiru diskussjonijiet sabiex jitbidlu certi emedi ghall prezzijiet fuq uzu ta’ servizzi, sabiex il-Prezzijiet ikunu rounded up u jirriflettu l-prezzijiet tal-lum.

**6.2** Re ECO Warden:

Ir-Regjun qabel li l-ECO wardens ghandhom jibdew jaghtu servizz gewwa Lokalita wahda kull gimgha li tkun miftiema min qabel mal-Kunsill ikkoncernat.

Sar qbil li Kunsill iehor jista jitlob li jinqasam dan is-Servizz ma Kunsill iehor f’dik il-gimgha u ghalhekk dan is-Servizz jigi offrut fuq gimghatejn bejn dawn iz-zewg Kunsilli.

Ir-Regjun Xlokk qabel unimament ta’ kif ghandu jibda jinghata dan is-Servizz.

7.1 **Aġġornament:**

Tmiem Laqgha

Il-Laqgħa ntemmet fid-8.45pm.

Il-Laqgha li jmiss ghanda tigi miftema aktar tard.

| **Chev. Paul Farrugia KLJ CMLJ**<br>**President** | **Paul J. Pace M.B.A**<br>***Agent Segretarju Ezekuttiv*** |
|---|---|

Minuti approvati llum , ta’ 2013.